

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2077**tal-10 ta' Novembru 2017****li temenda d-Deċiżjoni 2005/50/KE dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità***(notifikata bid-dokument C(2017) 7374)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni u tal-Kunsill Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/50/KE ⁽²⁾, kif emendata bid-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/485/UE ⁽³⁾, tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju bil-medda ta' 24 GHz għal tagħmir awtomotiv tar-radar ta' medda qasira. Dawn ir-radars jgħinu biex jiġu evitati ħabtiet bil-karozza.
- (2) Id-Deċiżjoni 2005/50/KE tal-Kummissjoni timponi fuq l-Istati Membri l-obbligi tar-rappurtar statistiku, inkluż ir-rekwiżit li jiġbru, fuq bażi annwali, id-dejta dwar l-għadd ta' vetturi mġhammra b'tagħmir radar li jużaw il-medda ta' frekwenzi tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz.
- (3) Filwaqt li l-obbligu biex iżommu l-użu tal-medda ta' frekwenza ta' 24 GHz minn tagħmir tar-radar b'medda qasira taħt skrutinju tenħtieġ li tibqa', issa jidher sproporzjonat li kull awtorità nazzjonali tintalab tipprovdi dejta statistika b'mod sistematiku fuq bażi annwali kif previst fid-Deċiżjoni 2005/50/KE. Ir-riżorsi amministrattivi nazzjonali jistgħu jintużaw aħjar jekk l-Istati Membri jipprovdu dawn ir-rapporti statistiċi biss wara li ssir talba mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' titlob dawn ir-rapporti statistiċi fl-eventwalità, possibbli iżda improbabbli, li interferenza jew żieda qawwija fl-għadd ta' vetturi mġhammra b'radars ta' 24 GHz tiġi rrapportata.
- (4) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2005/50/KE, ma kien hemm l-ebda rapport ta' interferenza dannuża minn dawk is-servizzi li huma protetti minn din id-Deċiżjoni. L-għadd ta' vetturi mġhammra b'tagħmir bir-radar ta' medda qasira li juża l-faxxa ta' frekwenza tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz baqa' ġeneralment baxx u fi kwalunkwe każ f'livell li huwa inqas sew mil-limitu ta' 7 % tal-għadd totali ta' vetturi fiċ-ċirkulazzjoni f'kull Stat Membru. Dan il-limitu huwa kkunsidrat bħala l-proporzjon kritiku li taħtu huwa preżunt li l-ebda interferenza ta' ħsara ma tista' tiġi kkawżata lil utenti oħra tal-medda ta' 24 GHz.
- (5) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2005/50/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/50/KE hija emendata kif ġej:

Fl-Anness tad-Deċiżjoni, il-kliem "Id-dejta li ġejja trid tinġabar fuq bażi annwali:" jinbidel bi:

"Id-dejta li ġejja għandha tinġabar fuq talba mill-Kummissjoni:"

⁽¹⁾ ĠUL 108, 24.4.2002, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/50/KE tas-17 ta' Jannar 2005 dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità (ĠUL 21, 25.1.2005, p. 15).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/485/UE tad-29 ta' Lulju 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2005/50/KE dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità (ĠUL 198, 30.7.2011, p. 71).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Mariya GABRIEL
Membru tal-Kummissjoni
